MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 23/2001/1

**Avviz Numru 23/2001 DM**

**Montaldo Insurance Agency Ltd ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta estera American Home Assurance Co. u dina kif surrogat fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Philip Attard abbazi ta' polza ta' assigurazzjoni tat-tip "comprehensive" u tal-ligi**

**Vs**

**Steven Scharanz**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex prevja kull dikkjarazzjoni ta' responsabbilta' skond il-ligi, ihallas is-somma ta' tlett mija u disa' liri Maltin u hdax il-centezmu (Lm309.11) rapprezentanti danni sofferti mill-assigurat u li ghamlet tajjeb ghalihom l- istess socjeta mittenti, liema danni gew

sofferti bhala risultat ta’ l-incident li sehh fit-12 ta’ Jannar 2000 ghall-habta ta’ l-4.30 pm geww l-belt Valletta, bejn vettura SCH 001 misjuqa mill-istess konvenut Steven Schranz u vettura numru ta’ registrazzjoni FAA 192 misjuqa mill-assigurat ta’ l-attur Philip Attard, liema incident sehh unikament tort ta’ l-istess Steven Schranz.
Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ppresentata kontstwalment ma’ l-avviz kontra s-socjeta assiguratrici tall-konvenut, flimkien ma’ l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-att sad-data ta’ l-effettiv pagament, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjoni tall-konvenut Steven Schranz fejn eccepixxa illi:

1. It-talba tas-socjeta attrici noe ghandha tkun respinta billi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax tort ta’ l-eccipjent izda gara unikament htija ta’ Philip Attard xufier tal-vettura assikurata mis-socjeta attrici noe;
2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tall-process; u

Ikkunsidrat:-

Mil provi prodotti jiirizulta li l-kollizjoni grat bejn il-vettura misjuqa mill-konvenut u vettura ohra misjuqa mill-assigurat tal-kumpanija attrici, Philip Attard, fit-triq Merkanti, il-Belt f’dik il-parti fejn tizbokka it-triq provenjenti minn Victory Square fil-Belt.

Kif jirrizulta mil-isketch (dokument PB2 a fol. sittax (16) tal-process), it-traffiku provenjenti minn Victory Square ghandu jaghti precedenza lil dak li qieghed juza Strada Merkanti, il-Belt u anki hemm Stop sign biex tindika lil

vetturi provinjenti minn Victory Square li dawn ghandhom jghatu d-dritta lit-traffiku l-iehor u jieqfu sakemm Strada Merkanti tkun libera biex ikunu jistghu jipprocedu.

Billi jirrizulta illi l-konvenut li kien qed isuq il-vettura SCH 001 kien provenjenti minn Victory Square, id-dritta fil-kas in esami kienet tas-sewwieq l-iehor Philip Attard li kien qed isuq il-vettura FAA 192.

Izda, biex jezimi ruhu mir-responsabbilta' il-konvenut Schranz jallega illi meta huwa sbokka go Strada Merkanti huwa lahaq ha postu fil-linja tat-traffiku li qed tipprocedi f'din l-istess triq qabel ma wasal Attard. Isosstni li s-sewwieq l-iehor Philip Attard kien ghadu ma wasalx fuq il-post ta' l-incident u l-kollizjoni grat eskluzzivament billi l-istess Philip Attard jew ma kienx attent jew baqa' jross il-konvenut sakemm habat mieghu.

Minn naha ta' Philip Attard dana jsostni illi huwa kien innota effettivament lill-konvenut hiereg minn Victory Square izda billi huwa kellu d-dritta huwa ppretenda illi l-konvenut kellu jieqaf u jhallilhu l-karregjata libera, izda l-konvenut hasdu ghax baqa jipprocedi biex b'hekk ostakulalhu l-karregjata u kellu bilfors jahbat mieghu.

Ix-xhud okulari, Charles Alamango, li jahdem mall-konvenut fl-istess fergha tal-Bank fil-Belt, isosstni illi kien innota il-moviment taz-zewg vetturi involuti u setgha jistqar illi ra lill-konvenut jiehu postu go triq Merkanti u ra lill-konvenut fl-istess hin gej ukoll fi triq Merkanti izda dan baqa diehel gol-vettura tal-konvenut.

Minn naha tieghu il-konvenut isosstni illi qabel ma hareg minn fuq l-Stop sign u hares lejn ix-xellug tieghu ghal Strada Merkanti u ma rax il-vettura ta' Philip Attard meta huwa ghazel li jipprocedi go Strada Merkanti u intlaqat meta huwa kien wieqaf wara traffiku li kien wieqaf quddiemu.

Billi jirrizulta illi l-hsarat huma ta' entita minuri u jirrizulta ukoll illi z-zewg vetturi kienu qedghin jinsaqu bil mod, kif anki jirrizulta mid-deposizzjoni ta' l-istess Steven Schranz

dwar in-nuqqas ta' ebda hoss jew sinjal ta' *brakes,* iz-zewg sewwieqa suppost kellhom bizzejjed opportunita' sabiex jindunaw bil-prezenza wiehed ta' l-iehor u li jistghu jiehdu kwalunkwe azzjoni evaziva biex jevitaw l-iskontru.

Infatti ix-xhud indipendenti Charles Alamango jsosstni illi mal-mument tal-habta iz-zewg vetturi kienu ghadhom qedghin jinsaqu b'dik tal-konvenut f'pozizzjoni aktar avvanzata fi triq Merkanti.

Ghalhekk jirrizulta definittivament nuqqas da parti tal-konvenut, kemm mill-fatt illi, kif jiddikjara, huwa ma ndunax bil prezenza ta' Philip Attard meta fil-fatt, stante il-velocita baxxa, dan kien fil vicinanzi prossimi meta l-konvenut qabez l-Stop sign, kif ukoll mill-fatt illi ma tax il-precedenza dovuta lit-traffiku li ghaddej Triq Merkanti billi waqt li kien ghadu qed jipprocedi huwa ostakola il-karreggjata ta' Philip Attard li fil-fatt kien prezenti dak il-hin f'dak il-post.

Pero' wiehed irid jara u jezamina ukoll jekk Philip Attard, is-sewwieq assigurat mall-kumpanija attrici, huwiex ezenti mir-responsabbilta' billi kull sewwieq anki jekk ikollhu d-dritta u precedenza fuq traffiku iehor ghandu juza dak il-grad ta' attenzjoni rikjest biex huwa jevita dak kollu li huwa evitabbli.

F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva illi l-istess Philip Attard kien diga' innota lill-konvenut qed jinvadi l-karreggjata tieghu miexi b'velocita baxxa, u ghalhekk, nonostante li kellu ir-*right of way*, **u billi l-istess konvenut kien f'posizzjoni iktar avvanzata minnhu fit-triq Merkanti**, il-Qorti issib illi, stante ukoll il-velocita' minima tieghu, huwa kellu opportunita' bizzejjed biex, bl-uzu ta' grad ikbar ta' attenzjoni u prudenza, ma jibqax iross il-vettura l-ohra u jevita l-ostaklu ikkrejat lilhu mill-konvenut.

Ghaldaqstant issib illi z-zewg sewwieqa ghandhom responsabbilta' ghal incident in kwistjoni u qedgha taqsam din ir-responsabbilta' bejnithom billi tiddikjara illi Philip Attard ghandu responsabbilta' fil-grad ta' terz, waqt li l-konvenut ghandu jigi ritenut risponsabbli' ghall-kollizjoni

fil-grad ta' zewg terzi u ghalhekk irid jaghmel tajjeb ghal zewg terzi tal-hsarat li soffriet il-vettura ta' Philip Attard.

Dwar il-*quantum* tad-danni illi gew ikkawzati fil-vettura assigurata mall-kumpanija attrici jirrizulta illi mis-survey ippreparat minn John Callus, wara li ha in konsiderazzjoni il-hsarat li din il-vettura ta' Philip Attard diga kellha qabel il-habta, din il-vettura ta' Attard kellha bzonn *parts* konsistenti *f'right side lamp, right mudguard, front bumper, u headlamp* li kellhom jinbidlu. Dawn evidentament ma jinkludux il-*bonnet* illi jidher kien diga iddanneggjat qabel il-kollizjoni in kwistjoni u li jidher ukoll li ma giex irriparat.

Inoltre l-ircevuti ezibiti, komprizi d-drittijiet tas-surveyor, fl-ammont ta' tlett mija u disa' liri maltin u hdax il-centezmu (Lm309.11) mitlub fic-citazzjoni huwa gustifikat.

Ghaldaqstant tilqa t-talbiet attrici limitatament billi tiddikjara lil konvenut risponsabbli in kwantu ghal zewg terzi ghall-kollizzjoni in kwistjoni u ghalhekk tikkundannah ihallas lill atturi zewg terzi mill-ammont mitlub mill-atturi, ekwivalenti ghal mitejn u sitt liri Maltin (Lm206) bl-imghax legali mid-19 ta' Jannar 2001.

Bl-ispejjez sopportati in kwantu ghal terz mill-atturi u zewg terzi mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------